# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 27 ta' April, 2023.**

**Numru 13**

**Rikors numru 1174/19/1 MH**

**360 Retail Supplies Limited (C-64990)**

**v.**

**Maged Fawzy Shokry Iskandar u Hyam Yakoub Mesak Gbyral**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenuti minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Diċembru, 2022, fejn din laqgħet it-talbiet tal-kumpanija attriċi u ordnat lill-konvenuti jħallsuha s-somma ta' €29,701 għax-xogħlijiet li hija wettqitilhom.

**Daħla**

2. B’rikors maħluf tal-10 ta’ Diċembru, 2019, il-kumpanija attriċi fissret li hija kienet wettqet numru ta’ xogħlijiet lill-konvenuti, li tagħhom hija baqgħet ma tħallsitx. Minħabba f’hekk, hija fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara li l-intimati huma debituri tas-soċjetà attriċi f’ammont li għandu jiġi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti rappreżentanti xogħlijiet reżi lill-intimat.*
>
> *2. Tillikwida l-ammont dovut lis-soċjetà attriċi ai fini ta’ l-ewwel talba.*
>
> *3. Tordna lill-intimati sabiex iħallsu l-ammont hekk likwidat.*
>
> *Bl-ispejjeż u l-imgħax u l-intimati minn issa inġunti in subizzjoni.»*

3. Fid-9 ta’ Novembru, 2020, il-konvenuti ressqu t-tweġiba maħlufa tagħhom fejn qalu: (i) li preliminarjament, huma mhumiex kontradittur leġittimi għat-talbiet tal-kumpanija attriċi għaliex din kienet innegozjat mal-kumpanija Karas Company Limited u mhux magħhom; (ii) li huma m’għandhom iħallsu xejn lill-kumpanija attriċi; u (iii) li l-azzjoni tal-kumpanija attriċi hija nulla għaliex fit-talbiet tagħha hija kellha tindika l-ammont mitlub u mhux titlob li dan għandu jiġi likwidat mill-Qorti.

4. B’sentenza mogħtija fit-2 ta’ Diċembru, 2022, il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili qatgħet il-kawża billi: (i) ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti; (ii) laqgħet l-ewwel talba tal-kumpanija attriċi u ddikjarat li l-konvenuti huma debituri tagħha fl-ammont ta’ €29,701; (iii) laqgħet it-tieni talba tal-

kumpanija attriċi u illikwidat id-dejn dovut fis-somma ta' €29,701; (iv) laqgħet it-tielet talba u ordnat lill-konvenuti jħallsu lill-kumpannija attriċi din is-somma; u (v) ordnat li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenuti bl-imgħaxijiet sad-data tal-ħlas.

5. Ir-raġunijiet mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex iddeċidiet il-kawża b'dan il-mod kienu dawn:

*«**Eċċezzjonijiet Preliminari***

*Fit-tielet eċċezzjoni l-konvenuti jissollevaw in-nullità u l-invalidità tal-azzjoni attriċi stante li fil-fehma tagħhom kellu jiġi indikat l-ammont fattwalment mitlub u mhux tintalab il-kundanna għal-likwidazzjoni ex officio mill-Qorti.*

*Din l-eċċezzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*Il-fatt li fir-rikors ġuramentat ma ġietx speċifikata s-somma pretiża mis-soċjetà attriċi ma jwassalx għan-nullità tal-azzjoni nfisha. Dan aktar u aktar fid-dawl tal-fatt li l-prospett dettaljat tal-bilanċ tal-ħlas pretiż mis-soċjetà attriċi ġie preżentat fl-istadju inizjali tas-smigħ tal-provi u kwindi l-konvenuti ma ġewx preġudikati fid-difiża tagħhom. Tfakkar dejjem li m'hemm xejn irritwali jew addirittura preġudikanti f'talba għal-likwidazzjoni ta' kreditu.*

***L-eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.***

***Fl-ewwel eċċezzjoni** l-konvenuti jeċċepixxu li huma mhumiex leġittimi kontraditturi għat-talbiet tas-soċjetà attriċi stante li kienet is-soċjetà Karas Company Limited (C 63986) li kienet qed tinnegozja mas-soċjetà rikorrenti u mhux il-konvenuti mħarrka.*

*Min-naħa tagħha s-soċjetà attriċi tikkontendi li hija kienet tinnegozja mal-konvenut Maged Fawzy Shokry Iskander.*

*...*

*Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali, il-Qorti tinnota li għalkemm il-kliem "Karas Payment Breakdown" fuq il-prospett tal-ħlasijiet pretiżi mis-soċjetà attriċi jista' prima facie jimplika li dan qed jirreferi għas-soċjetà Karas Company Limited imsemmija fl-eċċezzjoni in eżami, meta però meħud fl-assjem tal-provi mressqa, il-Qorti ma hijiex konvinta sal-grad rikjest mil-liġi li dan huwa l-każ. Apparti li*

*possibilment ir-referenza fuq id-dokument kienet għall-isem tal-ħanut fost possibiltajiet oħrajn, il-provi mressqa jippuntaw aktar lejn negozju li kien sar mill-konvenut personalment.*

*Dan jingħad mhux biss għall-mod kif il-konvenut Maged Fawzy xehed, fejn hu kontinwament tkellem b'mod personali għalih u mhux għal xi kumpanija, iżda wkoll għal provi oħra. Kif ingħad fis-suespost, id-direttur tas-soċjetà attriċi xehed bil-ġurament li meta huma ġew avviċinati mill-konvenut Maged Fawzy biex ifornuh b'apparat minn tagħhom għall-ħwienet li kellu, huwa dejjem innegozja f'ismu personali u tahom id-dettalji personali tiegħu u ma indikax li kien qiegħed jaġixxi f'isem xi kumpanija. Kien l-istess konvenut li kien jagħmel il-ħlasijiet cash jew b'ċekk jew trasferimenti bankarji lis-soċjetà attriċi. Sinjifikanti hu li l-konvenuti, minkejja li kienu debitament rappreżentati, f'ebda ħin ma għamlu kontro-eżami ta' dan ix-xhud. Il-konvenuti lanqas ippruvaw jikkontradixxu din ix-xhieda bi provi konkreti għax la ppreżentaw dokumenti, la riċevuti u lanqas statements tal-ħlas bi trasferimenti bankarji. Dan minkejja li l-istess konvenut Maged Fawzy kien obbliga ruħu li jesebixxi d-dokumentazzjoni relattiva sabiex juri minn min saru l-ħlasijiet.*

*Kwindi ma jirriżultax almenu mill-provi mressqa f'din il-kawża li meta huwa kien jinnegozja mar-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi huwa kien għamilha ċara magħhom li qiegħed jaġixxi f'isem is-soċjetà Karas Company Limited.*

*Għalhekk huwa meqjus li l-konvenut ikkuntratta u nnegozja mas-soċjetà attriċi f'ismu.*

***L-eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.***

***<u>Mertu</u>***

***Fl-ewwel talba tagħha** s-soċjetà attriċi titlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tagħha f'ammont li għandu jiġi likwidat sabiex jirrappreżenta x-xogħlijiet reżi lill-istess konvenuti.*

*Mill-provi rriżulta ampjament li n-negozju bejn il-partijiet seħħ u kien il-konvenut Maged Fawzy stess li kkonferma dan.*

*Is-soċjetà attriċi ppreżentat prospett dettaljat tal-ammonti li għadhom sal-lum dovuti lilha u dan wara li tnaqqsu l-pagamenti li kienu saru mill-konvenuti. Għal darb'oħra l-konvenuti ma ressqux domandi u lanqas ressqu provi sal-grad rikjest mil-liġi li juru li dan l-ammont bilanċjali ta' €29,701 mhuwiex dovut jew almenu mhux dovut fl-intier tiegħu, għalkemm ikkontesta dan. Waqt ix-xhieda tiegħu l-konvenut Magad Fawzy spiċċa jikkontradixxi lilu nnifsu fejn l-ewwel qal s-soċjetà attriċi kienet ħadet lura l-apparat kollu li waħħlet u li per konsegwenza ma kellu jħallas xejn, biex imbagħad irrikonoxxa li kien fadallu ħlasijiet x'jagħmel lis-soċjetà attriċi iżda ma jiftakarx kemm. Insista li se mai*

*kien fadallu jħallas ammont inqas minn €29,701.00. Però għal darb'oħra, prova ta' kemm skont hu, kien fadallu jħallas ma ġabx. Stranament fis-sottomissjonijiet tagħhom l-konvenuti jsemmu li l-pagament lis-soċjetà attriċi għandu jkun ta' €7,000. Il-prova però ta' kif il-konvenuti waslu għal €7,000 ma tirriżulta minn imkien.*

*Inoltre, ir-ritratti ppreżentati mill-konvenut fejn jidhru li kienu qed jiġu maqlugħa xi xkafef huma evidentement meħudin f'ħanut wieħed. Dan jikkonferma l-verżjoni tar-rappreżentant tas-soċjetà attriċi li huma kulma ħadu lura kien l-apparat li installaw f'ħanut wieħed u mhux fil-ħwienet l-oħra. B'hekk tiġi aktar plawsibbli u kredibbli l-verżjoni tas-soċjetà attriċi li għad fadlilha tirkupra l-ħlasijiet rimanenti minħabba li l-konvenuti kien għad fadlilhom ħwienet oħra li fihom kien twaħħal apparat mis-soċjetà attriċi.*

*Għalhekk fiċ-ċirkustanzi l-Qorti hija sodisfatta li l-ewwel talba ġiet pruvata u tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tas-soċjetà attriċi għal xogħlijiet reżi lill-konvenuti fl-ammont ta' €29,701.*

*Konsegwentement il-bqija tat-talbiet ser jiġu milqugħa u s-somma msemmija ser tiġi likwidata b'dana li l-konvenuti għandhom iħallsu din is-somma ta' €29,701 lis-soċjetà attriċi.*

*Għall-istess raġunijiet, il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti sejrin jiġu miċħuda.»*

6. Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza fit-28 ta' Diċembru, 2022 u ressqu żewġ aggravji fejn fihom ilmentaw: (i) li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tiċħad l-eċċezzjoni tagħhom fejn huma saħqu li mhumiex kontraditturi leġittimi għat-talbiet tal-kumpanija attriċi għaliex in-negozju kien sar biss bejn din tal-aħħar u Karas Company Limited; u (ii) li huma qatt ma kellhom relazzjoni f'isimhom personali mal-kumpanija attriċi u li f'kull każ, il-valur tal-oġġetti li hija ġabret mingħandhom kellu jitnaqqas mill-ammont totali mitlub.

7. Il-kumpanija attriċi wieġbet għal dan l-appell fil-31 ta' Jannar, 2023, u hemmhekk hija tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn hija temmen li l-appell

tal-konvenuti għandu jiġi miċħud.

8. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

**Konsiderazzjonijiet:**

9. Kif ingħad aktar kmieni, fl-ewwel aggravju tagħhom il-konvenuti qegħdin jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma kinitx siewja meta hija ċaħdet id-difiża tagħhom li huma mhumiex kontradittturi leġittimi għat-talbiet tal-kumpanija attriċi. Biex isostnu dan l-aggravju tagħhom huma jagħmlu referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Recc Limited v. Maged Fawzy Shokry Iskandar et***, li ġiet deċiża fl-20 ta' Ottubru, 2022, fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet laqgħet din l-eċċezzjoni tagħhom. Il-konvenuti jtennu li l-fatti li jsawru dik il-kawża jixxiebħu ħafna ma' dawk ta' din il-kawża u għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tasal għall-istess konklużjoni li waslet għaliha l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'dik il-kawża. Huma jgħidu wkoll li minn eżami tal-fatti ta' din il-kawża joħroġ biċ-ċar li n-negozju tal-kumpanija attriċi kien seħħ biss ma' Karas Company Limited u mhux magħhom.

10. It-tieni aggravju tal-konvenuti jorbot sfiq ma' dak li ntqal fl-ewwel aggravju. Kemm hu hekk, f'dan l-aggravju l-konvenuti jkomplu jisħqu li

għalkemm in-negozju ma sarx bil-miktub, mix-xhieda u mid-dokumentazzjoni li ġew imressqa matul is-smigħ tal-kawża għandu jirriżulta li huma qatt ma kellhom relazzjoni kummerċjali mal-kumpanija attriċi f'isimhom personali. Huma jtennu wkoll li isimhom ma deher fuq l-ebda fattura jew ċekkijiet tal-ħlas li saru għaliex dawn kienu jgħajtu lil Karas Company Limited. Iżidu jgħidu li l-kumpanija attriċi kienet għarfet lill-kumpanija Karas Company Limited, tant li l-prospett li ġie mressaq fl-atti ta' din il-kawża ġie msemmi minnha bħala *"Karas Payment Breakdown"*.

11. Il-konvenuti jisħqu li, f'kull każ, ladarba l-kumpanija attriċi kienet ħadet lura xi oġġetti li hija kienet ipprovditilhom, il-valur ta' dawn l-oġġetti kellu jitnaqqas mit-total tal-ħlas mitlub minnha. Fl-aħħar nett, huma nnutaw li l-ammont ta' ħlas li qiegħda tippretendi l-kumpanija attriċi f'din il-kawża huwa differenti minn dak li hija indikat fit-talba tagħha għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontrihom.

12. Billi t-tieni aggravju tal-konvenuti huwa kontinwazzjoni tal-argumenti mressqa minnhom fl-ewwel aggravju tagħhom, din il-Qorti tħoss li jkun prattiku li hija tistħarreġ dawn iż-żewġ aggravji flimkien.

13. Il-Qorti tqis li hija regola ewlenija fid-dritt dwar l-effett tal-obbligazzjonijiet, li wieħed jitqies li wiegħed jew ftiehem għalih innifsu (ara

l-**Artikolu 998 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**), sakemm il-kuntrarju ma jkunx stabbilit espressament mil-liġi, jew mill-partijiet infushom, jew jekk il-ftehim innifsu jgħid mod ieħor. Dan il-prinċipju jgħodd ukoll meta il-ftehim ikun wieħed ta' appalt, jew dak ta' twettiq ta' xogħlijiet, bħal kif inhuwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti (ara ***J&C Contractors Limited v. Paul Debattista***, Appell Superjuri, 21 ta' Lulju, 2021).

14. Minbarra dan, fi ftehim magħmul minn persuna f'isimha, hija dik il-persuna li tintrabat jew tobbliga ruħha (ara l-**Artikolu 999(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**), sakemm ma jintweriex li l-parti l-oħra kienet taf li fil-fatt dik il-persuna kienet qiegħda tinnegozja f'isem ħaddieħor (ara ***Anthony Caruana et v. John Magro et noe***, Appell Superjuri, 6 ta' Ottubru, 1999 u ***Lawrence Formosa et noe et v. Silvio Felice***, Appell Superjuri, 6 ta' Ottubru, 1999).

15. Meta jkun sar ftehim dwar il-bejgħ jew l-għotja ta' servizz f'isem persuna partikolari, ma jistax jingħad li din l-obbligazzjoni tkun saret għall-benefiċċju ta' terza persuna (ara l-**Artikolu 1000 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**). Għalhekk, f'dak il-każ irid jitħaddem il-prinċipju li l-ftehim għandu effett bejn dawk li kkuntrattawh biss u ma jistax ikun ta' ġid jew ta' ħsara għal ħaddieħor (ara l-**Artikolu 1001 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**).

16. Iżda din hija preżunzjoni *juris tantum* li jfisser li, bi provi tajbin imressqa li juru mod ieħor, f'ċerti ċirkostanzi dak li jidher li ftiehem għalih innifsu jkun, fil-fatt, ftiehem f'isem persuna oħra (ara ***Borg Cold Stores (Import & Distribution) Ltd v. Mario Pickard et noe***, Appell Inferjuri, 19 ta' Ottubru, 2005).

17. Illi huwa prinċipju daqstant ieħor aċċettat li l-piż tal-prova li min ikkuntratta jkun għamel hekk f'isem ħaddieħor jaqa' fuq min jagħmel allegazzjoni bħal din (ara ***Frank Cilia noe v. Charles Scicluna***, Qorti tal-Kummerċ, 27 ta' April, 1992), u jrid juri wkoll li f'dak il-waqt il-parti l-oħra kienet mgħarrfa li dik il-persuna kienet tassew qiegħda tinnegozja magħha f'isem ħaddieħor (ara ***Charles Thorne et vs John Mallia Borg et***, Appell Inferjuri, 31 ta' Ottubru, 2008*)*. F'każ ta' dubju, il-mandat għandu jiġi eskluż (ara ***Anna Dingli v. Brian Abela et***, Appell Superjuri, 3 ta' Diċembru, 2004, ***Camel Brand Co. Ltd v. Michael Debono nomine***, Appell Superjuri, 7 ta' Ottubru, 2005 u ***Avukat Renato Cefai noe vs J & M Aluminium Ltd***, Appell Superjuri, 1 ta' Frar, 2008*)* u jidħlu fis-seħħ ukoll il-prinċipji ewlenin fuq imsemmija, fosthom u mhux l-inqas, dak li l-kuntratti għandhom isiru b'rieda tajba (ara l-**Artikolu 993 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**).

18. Tassew, il-liġi trid tħares kontra l-abbuż ta' kontraent, li b'rieda ħażina, jinħeba wara l-maskra ta' ħaddieħor u jgħid li mhuwiex parti

f'kuntratt biex jaħrab mill-obbligi kuntrattwali tiegħu fil-konfront tal-kontraent l-ieħor (ara ***Ranco Limited v. Emanuel Zammit et***, Appell Superjuri, 25 ta' April, 2008).

19. Il-kelma 'parti' f'kuntratt tista' tinftiehem kemm f'sens materjali kif ukoll f'sens formali. Il-parti f'sens formali hija l-awtur tal-kuntratt, jiġifieri dik li toħroġ id-dikjarazzjonijiet kuntrattwali kostituttivi. Il-parti fis-sens materjali hija t-titulari tar-rapport kuntrattwali, jiġifieri s-suġġett li huwa direttament responsabbli għall-effetti ġuridiċi tal-kuntratt. Dawn iż-żewġ tifsiriet jikkorrispondu maż-żewġ profili tal-kuntratt bħala att u bħala rapport. Bħala prinċipju, min hu parti fl-att huwa wkoll parti fir-rapport. B'danakollu jista' jkun li ż-żewġ pożizzjonijiet ma jingħaqdux flimkien, bħal meta parti (il-parti formali) tidher bħala rappreżentanta ta' ħaddieħor (il-parti materjali) (ara **C. Massimo Bianca**, ***Diritto Civile*****, Vol. 3,** ***Il Contratto***, f'paġna 53 u s-sentenza fl-ismijiet ***Perit Hector Zammit v. Date Limited***, Appell Superjuri, 23 ta' Novembru, 2020).

20. Illi l-fatt li wieħed ikun qiegħed jikkuntratta għal ħaddieħor irid jinġieb għall-għarfien tal-parti l-oħra fil-waqt tal-ħolqien tal-kuntratt. Kemm hu hekk ingħad mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fis-sentenza ***John Vella nomine v. Anthony Vella et***, li ġiet deċiża fit-3 ta' Diċembru, 1999, li,

> *«Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-soċjetà attriċi kellu jirrileva b'mod ċar u univoku illi f'dik*

*il-kuntrattazzjoni ma kienx qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun ġie sewwa a konoxxenza tas-soċjetà attriċi f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabilità għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi li kien jimporta.»*

21. Meħuda qies ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti kienet fis-sewwa meta ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenuti dwar l-illeġittimità passiva tagħhom. Tassew, skont id-direttur tal-kumpanija attriċi, Jonathan Sciberras, kien il-konvenut Maged Fawzy Shokry Iskandar li kellem lir-rappreżentanti tal-kumpanija attriċi u qabbadhom biex iwettqulu xi xogħlijiet fil-ħwienet tal-merċa li kien sejjer jiftaħ. F'dak iż-żmien, il-konvenut kien ta lill-kumpanija attriċi x'tifhem li dawn il-ħwienet kienu tiegħu personalment u mhux ta' xi kumpanija li huwa kien qiegħed jinnegozja f'isimha. Kemm hu hekk, fil-bidu tar-relazzjoni kuntrattwali, il-konvenut kien għadda lill-kumpanija attriċi d-dettalji personali tiegħu u mhux id-dettalji ta' Karas Company Limited. Minħabba f'hekk il-kumpannija attriċi qatt ma ngħatat l-impressjoni li l-konvenut kien qiegħed jinnegozja f'isem xi kumpanija.

22. Din ix-xhieda ta' Jonathan Sciberras fl-ebda waqt ma ġiet ikkontestata jew imxejna mill-konvenuti. Fil-każ tagħna, jidher li l-partijiet innegozjaw dejjem bil-fomm u deherilhom li ma kienx hemm ħtieġa li jittraduċu l-ftehim tagħhom f'dokument bil-mitkub. Għalkemm huwa minnu li biex persuna titqies li għandha s-setgħa li tidher fuq kuntratt f'isem ħaddieħor mhuwiex meħtieġ li dan isir b'kitba, tali setgħa trid tkun

miftuħa, ċara u mhux ekwivoka u tkun magħrufa lill-parti l-oħra b'tali mod li tneħħi kull dubju li l-ftehim ikun qiegħed isir mar-rappreżentant f'isem u fl-interessi tar-rappreżentat (ara ***Eden Hospitality Limited v. S.I.T. Special Interest Travel Limited et***, Appell Superjuri, 27 ta' Settembru, 2019).

23. Mill-provi li tressqu f'din il-kawża, din is-setgħa li l-konvenuti jallegaw li Maged Fawzy Shokry Iskandar kellu biex jidher f'isem il-kumpanija Karas Company Limited, ma tirriżulta minn imkien. Għalkemm waqt ix-xhieda tiegħu tas-26 ta' Novembru, 2021, il-konvenut, hawn fuq imsemmi, ta x'jifhem li huwa kien sejjer iressaq fl-atti xi rċevuti u rendikonti bankarji bħala prova tal-ħlasijiet li saru, u b'hekk nissel tama fl-Ewwel Qorti li kien sejjer jintefa' xi dawl fuq minn min twettqu l-ħlasijiet, huwa baqa' ma ressaq xejn. Lanqas tressqet xi prova dwar l-eżistenza ta' Karas Company Limited u dwar min għandu r-rappreżentanza tagħha.

24. Terġa' u tgħid, il-konvenuta Hyam Yakoub Mesak Gbyral, li tiġi mart il-konvenut Maged Fawzy Shokry Iskandar, ma xehditx matul il-ġabra tal-provi u b'hekk hija baqgħet ma ressqet l-ebda prova li hija ma kellha xejn x'taqsam max-xogħlijiet li l-kumpanija attriċi ġiet imqabbda tagħmel jew li hi ma kinitx benefiċjarja ta' dawn ix-xogħlijiet. Dan kollu jxaqleb il-miżien tal-provi favur it-teżi tal-kumpanija attriċi, jiġifieri li l-konvenuti nnegozjaw magħha f'isimhom personali u mhux f'isem il-kumpanija Karas Company

Limited.

25. Għalkemm il-prospett dwar ix-xogħlijiet u l-ħlasijiet li saru, li ġie ppreżentat fl-atti mill-kumpanija attriċi, huwa msemmi bħala "Karas Payment Breakdown", b'daqshekk ma jfissirx li x-xogħlijiet inkwistjoni twettqu għal Karas Company Limited. Tabilħaqq, l-Ewwel Qorti kienet siewja meta kkunsidrat li ma kien hemm l-ebda prova konkreta li dan il-prospett kien qiegħed jirreferi għal din il-kumpanija. Wara kollox, kif qieset tajjeb l-Ewwel Qorti, l-isem "Karas" fuq dan id-dokument seta' kien qiegħed jirreferi għall-isem ta' wieħed mill-ħwienet immexxija mill-konvenuti u mhux għall-kumpanija Karas Company Limited.

26. Din il-Qorti ttenni li fid-dawl tan-nuqqas ta' prova, kemm dwar l-eżistenza ta' din il-kumpanija u kif ukoll dwar ir-relazzjoni li kellhom magħha il-konvenuti, hija ma tistax tasal għall-konklużjoni li x-xogħlijiet twettqu mill-kumpanija attriċi għall-kumpanija Karas Company Limited.

27. Għalkemm fl-appell tagħhom il-konvenuti jagħmlu referenza għal sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-konfront tagħhom fejn dik il-Qorti sabet li f'dak il-każ il-konvenuti ma kinux innegozjaw f'isimhom personali u b'hekk ħelsithom mill-ħarsien tal-ġudizzju, dik is-sentenza hija *res inter alios acta* għall-kumpanija attriċi u b'hekk ma torbothiex. Fuq kollox, minn qari ta' dik is-sentenza, f'dik il-kawża l-konvenuti kienu

ressqu numru ta' provi biex juru li huma ma kinux qegħdin jinnegozjaw f'isimhom, fosthom numru ta' ċekkijiet li bihom saru l-ħlasijiet, liema ħlasijiet ma kinux inħarġu mingħandhom. Madankollu, il-provi mressqa f'dik il-kawża ma jgħoddux bħala prova għal dan il-każ, fejn l-attriċi hija persuna ġuridika għalkollox differenti. Sewwasew fil-każ tagħna, il-konvenuti ma ressqu l-ebda prova bħal din fl-atti. Tassew, l-unika prova li ressqu l-konvenuti kienet biss ix-xhieda ta' Maged Fawzy Shokry Iskandar, fejn huwa ta' x'jifhem li l-ħlasijiet li twettqu lill-kumpanija attriċi saru minn butu.

28. Meqjus dan kollu, l-Ewwel Qorti kienet siewja meta ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti fejn huma saħqu li mhumiex kontradditturi leġittimi għat-talbiet attriċi.

29. Issa fit-tieni aggravju tagħhom, il-konvenuti jgħidu wkoll li meta huma waqgħu lura fil-ħlasijiet u sabu ruħhom f'diffikultà biex iħallsu, il-kumpanija attriċi kienet ġabret lura mingħandhom xi oġġetti u xogħlijiet li hija kienet wettqitilhom. Huma jisħqu li b'hekk, il-valur ta' dawn l-oġġetti għandu jitnaqqas mill-ammont totali li ġie likwidat mill-Ewwel Qorti.

30. Għalhekk din il-Qorti jeħtiġilha tistħarreġ jekk il-kumpanija attriċi tassew ħaqqhiex titħallas mingħand il-konvenuti l-ammont li ġie likwidat mill-Ewwel Qorti jew inkella jekk dan l-ammont għandux jitnaqqas.

31. Din il-Qorti tqis li, fl-ewwel lok, skont il-prinċipji tal-liġi dwar l-evidenza u dwar kif għandu jitqassam il-piż tal-provi, jaqa' fuq il-kreditur li jagħti prova tajba biżżejjed tal-eżistenza tal-kreditu li dwaru huwa jkun fetaħ il-kawża (ara ***Carmelo Zammit et v. Emanuele Galea et***, Appell Superjuri, 27 ta' Frar, 2003 u ***Maria Stella Calleja v. Brian Degiorgio***, Appell Superjuri, 17 ta' Marzu, 2022). Dan għaliex l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (ara l-**Artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**) u għalhekk sakemm l-attur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur tiegħu, il-piż tal-prova jibqa' mixħut fuq l-attur (ara ***Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja***, Appell Inferjuri, 20 ta' Jannar, 2003). Tassew, jekk l-attur ma jirnexxilux jipprova dak li jallega, il-konvenut m'għandux ibati minn dan in-nuqqas, u dan sewwasew skont il-prinċipju *actore non probante reus absolvitur* (ara ***Angelo Xuereb nomine v. Godwin Migneco et nomine***, Appell Superjuri, 18 ta' Lulju, 2017);

32. Għalkemm il-grad ta' prova fi proċeduri ċivili mhuwiex wieħed qawwi daqs dak mistenni fi proċeduri kriminali, b'daqshekk dan ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija f'kawża ċivili ma tistax tkun sempliċi suppożizzjoni jew stħajjila, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel il-ġudizzju (ara ***Nancy Caruana v. Odette Camilleri***, Appell Superjuri, 27 ta' Frar, 2004 u ***Lambusa Maritime Company Limited v. Freightzone (Malta) Ltd***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 1 ta' Lulju, 2013);

33. Wara li l-attur jirnexxilu jressaq prova tal-kreditu dovut lilu, imbagħad ikun imiss lid-debitur li jġib prova li dak il-kreditu jew xi parti minnu tħallas (ara ***Manwel Zerafa v. Nazzareno Muscat Scerri***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 5 ta' Ottubru, 2017). Imma ġaladarba d-debitur jinvoka l-pagament, jaqa' fuqu d-dmir li jipprova dan b'mod konvinċenti u deċiżiv (ara ***Emmanuele Bezzina v. Emmanuele Attard et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 12 ta' Diċembru, 1959, ***Joe Chetcuti et v. Joseph Pearson et nomine***, Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 1998, u ***John Grech v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali***, Appell Inferjuri, 17 ta' Ottubru, 2008);

34. Jinsab miżmum f'ġurisprudenza konsistenti li min jallega l-ħlas għandu jippruvah għas-sodisfazzjon tal-Qorti. F'każ ta' dubju u fin-nuqqas ta' rċevuta għandha tirbaħ il-preżunzjoni li d-dejn ma jkunx tħallas (ara ***Rosario Spiteri v. Michele Mifsud***, Appell Superjuri, 30 ta' Ottubru, 1953). Għalkemm huwa aċċettat fil-ġurisprudenza wkoll, li anke fin-nuqqas ta' rċevuta, il-prova tal-ħlas tad-dejn tista' ssir b'mezzi oħra, bħal dokumenti, xhieda, il-konfessjoni tal-kreditur u provi indiretti bħalma huma preżunzjonijiet u indizzji li kapaċi jikkonvinċu lill-ġudikant (ara ***Angelo Scicluna v. John Scerri***, Appell Kummerċjali, 19 ta' Novembru, 1951, ***Desmond Mizzi noe et v. Patrick Filletti pro et noe***, Appell Inferjuri, 28 ta' Jannar, 2000 u ***Antoine Camilleri v. Jason Aquilina***, Appell Superjuri, 27 ta' Marzu, 2020);

35. Huwa magħruf ukoll li l-ġudikant għandu juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex mill-provi miġjuba matul is-smigħ tal-kawża, huwa jqis dawk li l-provi li huma l-aktar kredibbli u xierqa sabiex jasal għall-konviċiment tiegħu. Fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa l-ġudikant jista' jaċċetta x-xhieda ta' xi wħud u jwarrab jew jiskarta oħrajn u jsejjes il-ġudizzju tiegħu fuq ċertu provi, aktar milli oħra. Dan huwa l-eżerċizzju tal-konvinċiment ħieles tal-ġudikant (ara ***Carmela Galea v. LIDL Malta Limited***, Appell Superjuri, 1 ta' Diċembru, 2021);

36. Il-Qorti tqis li l-unika prova li tressqet fl-atti dwar ix-xogħol li sar mill-kumpanija attriċi u dak li tħallas mill-konvenuti, huwa l-prospett misjub f'paġni 36 sa 37 tal-atti, li ġiet ppreżentat mid-direttur tal-kumpanija attriċi, Jonathan Sciberras, waqt ix-xhieda tiegħu tas-26 ta' Mejju, 2021. Dan il-prospett, li fih hemm imfisser kemm ġew jiswew ix-xogħlijiet li saru mill-kumpanija attriċi u kif ukoll hemm imniżżel fih kull ħlas li sar mill-konvenuti, inkluż il-metodu u d-data ta' kull ħlas, qatt ma ġie kkontestat, imxejjen jew imwaqqa' b'xi prova oħra min-naħa tal-konvenuti. Dakinhar tax-xhieda tiegħu l-konvenut Maged Fawzy Shokry Iskandar wiegħed lill-Ewwel Qorti li fis-seduta ta' wara huwa kien sejjer iġib kull prova li kellu dwar il-ħlasijiet li għamel lill-kumpanija attriċi; madankollu huwa baqa' ma ressaq xejn.

37. Issa fix-xhieda tiegħu Jonathan Sciberras stqarr li bi qbil mal-

konvenuti, il-kumpanija attriċi kienet ġabret lura xi tagħmir mingħandhom biex il-prezz tiegħu jinqata' mill-kont totali. Kemm hu hekk, skont il-prospett misjub fl-atti, mill-kont totali tnaqqas l-ammont ta' €1,176 għal tnax-il pannella tal-*LED* li kienu baqgħu ma ntużawx mill-konvenuti. Kif diġà rajna, il-konvenuti fl-ebda ħin ma ppruvaw iwaqqgħu x-xhieda ta' Jonathan Sciberres billi jagħmlu użu mill-arma tal-kontroeżami jew saħansitra ressqu xi prova kuntrarja għal dak li hemm imniżżel fl-imsemmi prospett. Jiġi b'hekk, li huma ma rnexxilhomx iwarrbu l-pretensjoni tal-kumpanija attriċi li hija għad jonqosha titħallas mingħand il-konvenuti l-ammont totali ta' €29,701. Meqjus dan, din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn għandu jsir xi tnaqqis mill-ammont ta' ħlas li ġie likwidat mill-Ewwel Qorti.

38. Huwa għalhekk x'aktarx żejjed u rrilevanti l-kumment magħmul mill-konvenuti lejn l-aħħar tar-rikors tal-appell tagħhom fejn huma jgħidu li l-kumpanija attriċi niżżlet ammont ta' kreditu differenti minn dak ta' €29,701 fir-rikors tagħha għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti. Tassew, l-Ewwel Qorti waslet għal-likwidazzjoni tal-ammont hawn fuq imsemmi wara li qieset il-provi li tressqu quddiemha mill-kumpanija attriċi. Kif ingħad aktar 'il fuq, dawn il-provi baqgħu ma ġewx ikkontestati mill-konvenuti. Kien fid-dmir tal-konvenuti li jressqu kull prova li seta' kellhom f'idejhom biex huma jikkonvinċu lill-Qorti li huma m'għandhom iħallsu xejn mill-ammont ta' €29,701, jew mod ieħor, li huma għandhom dejn

f'ammont inqas minn dan, iżda huma m'għamlu xejn minn dan. Għaldaqstant, *imputet sibi*.

39. Fid-dawl ta' dan kollu, għalhekk, iż-żewġ aggravji tal-konvenuti qegħdin jiġu miċħuda.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-konvenuti u b'hekk tikkonferma fis-sħiħ is-sentenza tal-Ewwel Qorti.

L-ispejjeż tal-kawża, kemm dawk tal-ewwel grad u kif ukoll dawk marbuta mal-appell tal-konvenuti għandhom jitħallsu kollha mill-konvenuti solidalment bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da